- *SELF; MUTWU –*
- *QUI ALLEGAT PROBAT –*
- *APPREZZAMENT TA' PROVI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 22**
**Citazzjoni Numru: 320/00/RCP**

**Joan sive Jeanette Zammit**

**vs**

**John Naudi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut jinsab inadempjenti fis-somma ta' LM1,300 (elf u tlett mitt Lira Maltija) rappresentanti LM1,200 (elf u mitejn Lira Maltija) self (mutwu) lilu moghti mill-attrici u

kwantu LM100 (mitt Lira Maltija) rappresentanti l-valur ta' *mobile phone*, proprjeta` ta' l-attrici izda li assuma l-pussess tieghu l-konvenut.

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas u jirritorna l-mobile phone, baqa' inadempjenti.

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara li l-konvenut jinsab inadempjenti fis-somma ta' LM1,300 (elf u tlett mitt Lira Maltija) rappresentanti LM1,200 (elf u mitejn Lira Maltija) self (mutwu) lilu moghti mill-attrici u kwantu LM100 (mitt Lira Maltija) rappresentanti l-valur ta' *mobile phone*.

(2) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lil attrici is-somma ta' LM1,300 (elf u tlett mitt Lira Maltija)

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati ta' qbid bin-numri u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' dawn il-proceduri.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bl-avviz tas-smiegh fil-5 ta' April 2000 baqa' ma pprezenta ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk waqa' kontumaci.

Rat il-verbal tat-3 ta' Mejju 2000 fejn il-konvenut assistit minn Dr. C. Grima nforma lill-Qorti li l-konvenut sar jaf bic-citazzjoni biss fl-1 ta' Mejju 2000 meta taghtielu ommu. Xehdu John Naudi u Joan Naudi. Il-Qorti wara li rat it-talba tal-konvenut u semghet ix-xhieda tal-partijiet u peress li rrizulta li c-citazzjoni giet biss ghand il-konvenut fl-1 ta' Mejju 2000 u dan peress li c-citazzjoni giet moghtija f'idejn ommu li taghtielu biss fid-data indikata wara li skada t-terminu ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet, jirrizulta li l-konvenut iggustifika l-kontumacja tieghu anke peress minn dak li sostniet l-attrici u cioe` li f'Marzu l-attur kien diga` jaf bil-kawza, ma jreggix peress li n-notifika bic-citazzjoni saret biss fil-5 ta' April 2000. Ghalhekk il-Qorti ipprefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) jum lill-konvenut ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet tieghu. Il-kawza giet differita ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet ghas-6 ta' Gunju 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-18 ta' Mejju 2000 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi m'ghandu ebda self xi jhallas lill-attrici kif qed tallega fic-citazzjoni.

2. Illi minn dan isegwi illi m'ghandu jigi kkundannat ihallas l-ebda somma [self] lill-attrici stante illi tali self ma jezistix.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda (fol. 15 u 16).

Rat il-verbal tas-6 ta' Gunju 2000.

Rat in-nota tal-attrici tat-30 ta' Gunju 2000 fejn permezz taghha gew esebiti xi dokumenti (fol. 19 sa 26).

Rat il-verbali tal-4 ta' Lulju 2000 fejn xehdet Joan Zammit u Josephine Zammit u tat-22 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota tal-konvenut John Naudi fejn prezenta l-affidavit ta' Anna Naudi u ta' Leslie Borg (fol. 40 u 41).

Rat il-verbali tas-26 ta' April 2001 fejn xehdu Leslie Borg u Enoch Tonna, tat-13 ta' Gunju 2001 fejn xehdu Manfred Galea, Mariella Fabri u Anna Naudi u tat-18 ta' Ottubru 2001 fejn xehdet l-attrici u peress li l-kawza kienet differita ghall-provi kollha tal-partijiet il-Qorti ordnat il-provi maghluqa. Il-Qorti tat il-fakolta` lill-attrici tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fi zmien erbghin (40) jum bil-visto/notifika tad-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2002.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Joan Zammit tas-27 ta' Novembru 2001.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut tat-28 ta' Dicembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. L-AZZJONI ATTRICI.

Illi l-attrici ghamlet din il-kawza stante li qed tippremetti li hija ghandha tiehu minghand il-konvenut l-ammont ta' Lm1,300, rappresentanti kwantu ghall-Lm1,200 self moghti lill-konvenut u kwantu ghall-Lm100 valur ta' *mobile phone* li hija kienet ghaddiet lill-konvenut li naqas li jirritorna lilha.

Illi l-konvenut min-naha tieghu qed isostni li ma ghandu ebda self xi jhallas lill-attrici, u li ma ghandu jaghti l-ebda somma lill-attrici stante li s-self ma jezistix.

Illi fid-dikjarazzjoni tieghu l-istess konvenut pero` min-naha l-ohra jammetti li l-attrici kienet silfitu l-ammont ta' Lm1,200 sabiex jixtri mutur *Honda Fireblade*, pero` huwa sostna li kien irrifonda l-istess ammont lill-attrici kif ircieva pagament minghand Citadel Insurance ghall-hsara li kien garrab fuq il-mutru *Aprilia* ICE 370, u dan fost pagamenti li kien jaghddilha meta omm l-attrici kienet itih il-paga. Dwar il-

*mobile* ammeta li dan kien gie misluf lilhu, pero` kien inkiser, mar jirrangah u ghadu ghat-tiswija.

**B. <u>PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi l-**attrici** fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2000 xehdet li hija kienet hallset pagamenti sabiex il-konvenut jixtri zewg muturi, li l-konvenut xtara wiehed wara l-iehor, ghaliex l-ewwel wiehed li kien xtara kien kissru. Huwa ma kienx ghamel pagamenti lanqas meta kien biegh wiehed mill-muturi. Cahdet li l-konvenut kien jahdem mal-familja taghha u wkoll li kienet tat lill-konvenut dawn il-flus bhala donazzjoni.

Illi l-attrici riprodotta xehdet fit-18 ta' Ottubru 2001 li hija kienet hallset l-*insurance* lill-Perla Insurance u saru pagamenti lill-*Bike 2 Limited, Miramar ta' Honda, u tat-Telecell.* Ikkonfermat li l-konvenut qatt ma hadem maghhom.

Illi **Josephine Zammit** xehdet fl-4 ta' Lulju 2000 sostniet li hija kienet taf bil-pagamenti li bintha ghamlet sabiex il-konvenut jixtri l-muturi, ghaliex darba ghamlet ukoll pagament hija stess. Il-pagamenti kienu isiru lid-ditta minghand min il-konvenut kien xtara l-istess muturi. Cahdet in kontro-ezami li l-konvenut kien jahdem maghha jew kien jaghmel xi xoghol fil-hotel li ghandha il-familja.

Illi **Anna Naudi,** omm il-konvenut, u prodotta mill-konvenut sostniet fl-affidavit taghha tat-18 ta' April 2001 li l-attrici

kienet qaltilha li hija kienet ser tixtri mutur lill-konvenut, u wkoll li kien ser jieqaf jahdem fil-*Cold Stores* ta' Busuttil, u kien ser jibda jahdem maghhom fil-Hotel Springfield, u hekk sar, u fil-fatt fahritu li kien imur tajjeb mat-turisti u gieli jmur ghalihom l-airport, u kien jigbor lill-bint l-attrici mill-iskola St. Dorothy's u jiehu hsiebha kuljum.

Illi 'n kontro-ezami fit-13 ta' Gunju 2001 sostniet li hija lill-konvenut kienet tarah jahdem fil-lukanda jew wara l-bar jew fid-disco, u qalulha li gieli kien mar ghat-turisti mill-airport ghall-lukanda u kien imur bil-Mercedes personali taghhom. Kien koppja mal-attrici u kienu johorgu flimkien u kien jahdem maghhom ukoll. Kienet titla' darba fil-gimgha l-lukanda.

Illi **Leslie Borg** *managing director* ta' *Peak Insurance Brokers Limited* fl-affidavit tieghu tat-18 ta' April 2001 qal li l-konvenut fid-29 ta' Settembru 1999 kien thallas is-somma ta' Lm1,350 minghand Citadel Insurance bhala l-assigurat ta' polza numru 509/HDO/0083 u *motor claim* numru NAU 509/990010 fuq il-mutur ta' registrazzjoni ICE 370 Aprilia, u li kien spiss jara lill-konvenut fil-lukanda Springfield Hotel.

Illi fis-seduta tas-26 ta' April 2000 huwa xehed li kien ircieva tlett cekkijiet minghand l-attrici ghan-nom tal-konvenut u dawn kienu (a) cekk numru 22 ta' Lm 48 fuq il-mutur ICE 370 ghall-perjodu bejn it-8 ta' Gunju 1999 sat-30 ta' Settembru 1999 ghall-assikurazzjoni fuq il-konvenut; (b) cekk numru 34 ta' Lm207.90 ghall-mutur Reg. No. FBL 558 ghall-perjodu bejn is-27 ta' Lulju 1999 sat-30 ta' Settembru

2000, li kien jinkludi l-ammont ta' Lm182.90 bhala *premium* u Lm25 bhala *excess* ghall-mutur ICE 370; (c) cekk numru 55 ghal Lm36 sabiex jigi assigurat l-mutur ICE 370 mit-22 ta' Ottubru 2000 sat-30 ta' Settembru 2000, li kien jinkludi l-*premium ta'* Lm16.19 u l-licenzja ta' Lm20.

Illi dwar il-pagament tal-*claim* sostna li dan inhareg minn Citadel Insurance favur il-konvenut ghaliex huwa kien l-assigurat u ghalhekk tali pagament qatt ma setgha johrog fuq l-attrici. Kien ikun *every now and then* Bugibba u l-konvenut kien ikun hemm anke ghaliex il-partijiet kienu gharajjes. Il-konvenut qatt ma kellmu la bhala impjegat u lanqas bhala rapprezentant tal-lukanda.

Illi **Enoch Tonna** rappresentant ta' Mira Holdings Limited fis-seduta tas-26 ta' April 2001 sostna li esebixxa l-kuntratt originali tal-mutur Honda u l-*istalments* li ghamel li gew esebiti mill-istess xhud bhala Dok. "ET 1", Dok. "ET2" u Dok. "ET3" li kollha huma intestati fuq il-konvenut.
Illi **Manfred Galea,** fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2001, bhala rapprezentant ta' Mira Motors Limited sostna li huwa jahdem bhala *Sales Manager* fis-*showroom* u l-konvenut rah diversi drabi biex ihallas, u kien ghamel pagamenti permezz ta' flus kontanti u cekkijiet.

Illi **Mariella Fabri,** bhala rapprezentanta tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2001 sostniet li l-attrici ghandha kont mal-Imsida Branch, u esebiet rendikont tal-istess kont fejn hemm indikati fl-isfar ic-cekkijiet li nhargu mill-attrici ndikati fl-ingunzjoni mill-Kont

Numru 149-0986901-1 u kopja tal-istess cekkijiet li jinsabu lkoll esebiti bhala Dok. “MF1” u Dok. “MF2” .

## C. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta li, l-allegat self mill-attrici lill-konvenut sabiex dan jixtri z-zewg muturi minghand *Mira Holdings Limited* u *Bikes & Co. Limited* rispettivament u ndikati fix-xhieda tal-partijiet, li dan gie sostanzjalment ippruvat kemm mid-dokumenti esebiti minn fejn jirrizulta li inhargu diversi cekkijiet mill-attrici sabiex ihallsu ghall-pagamenti tal-istess xiri ta’ muturi u assigurazzjonijiet u *claims* relattivi, u dan ikkoroborati wkoll minn kopji tal-istess cekkijiet esebiti bhala Dok. “Jms 1” sa Dok. “Jms 6” a fol. 20 sa 25 tal-process, u mill-*istatement* tal-kont tal-attrici mal-Bank of Valletta p.l.c fil-kont numru 149 – 0986901 – 1 esebit bhala Dok. “MF1” minn fol. 61 sa fol. 68 tal-process, apparti minn kopja tal-istess cekkijiet hemmhekk *highlighted* esebiti bhala Dok. “MF 2” minn fol. 69 sa fol. 71 tal-process.

Illi dawn il-pagamenti huma kollha relatati max-xiri ta’ zewg muturi mill-konvenut, u fil-fatt il-konvenut imkien ma ikkontesta li dawn il-pagamenti saru ghan-nom tieghu u fl-interess tieghu. Fil-fatt dawn il-pagamenti gew ukoll ikkonfermati mill-istess Josephine Zammit, omm l-attrici.

Illi pero` iktar minn hekk ghalkemm fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu l-istess konvenut isostni li ma sar ebda self lilu mill-attrici u ghalhekk li ma ghandu jaghti xejn

lill-istess attrici, fid-dikjarazzjoni tieghu a fol. 15 tal-process huwa addirittura jammetti li l-istess attrici kienet selfitu l-ammont ta' Lm1,200 pero` jghid li huwa dan hallashom lura mill-ammont ta' Lm1,350 li huwa kien ircieva minghand Citadel Insurance ghall-*claim* li kien ghamel fuq il-mutur *Aprilia Ice 370.*

Illi apparti li dan fih innifsu huwa nkonsistenti ma dak li inghad fl-eccezzjoni tieghu fejn sostna li ma kien sar ebda self, u wkoll mal-kumplament tad-dikjarazzjoni tieghu, fejn jghid ukoll li tali ammont kien moghti lilu bhala rigal jew donazzjoni, dejjem jibqa' oneru tieghu, li jipprova dak li huwa qed jallega, u cioe' li huwa rrifonda l-istess ammont lura lill-attrici u dan in vista tal-principju *"qui allegat probat".*

Illi din il-prova l-konvenut assolutament naqas li jaghmel, u fil-fatt f'dan ir-rigward hemm nuqqas ta' provi totali, kemm verbali u kemm dokumentarji, li jostnu b'xi mod dan il-pagament allegat mill-konvenut lill-attrici, u fid-dawl tal-premess, ma hemm l-ebda dubju kwalunkwe li l-istess konvenut naqas li jsostni l-oneru tieghu li jipprova li huwa effettivament ghamel din ir-rifuzzjoni tal-ammonti lilu mislufa mill-attrici.

Illi din il-Qorti qed tenfassizza wkoll li l-konvenut fix-xhieda tieghu minnu prodotta u fid-dikjarazzjoni u n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu kien inkonsistenti ghall-ahhar mieghu innifsu, fejn f'mument jindika li ma kienx hemm self, f'mument iehor jghid li tali self veru li sar imma huwa hallas kollox lura, imbaghad jghid li dan l-ammont gie moghti lilu

mill-attrici bhala rigal; u f'hin iehor jghid li hallas lill-attrici mill-flus li rcieva tal-*claim* mill-assigurazzjoni, u wara jghid li hallas lill-attrici b'pagamenti fi flus kontanti, u addirittura mill-paga li kien jircievi minghand il-familja tal-attrici, meta lanqas biss irnexxielu jipprova li huwa qatt kellu impjieg mal-istess familja jew fil-Hotel Springfield minnu msemmi.

Illi dan juri li l-versjoni tal-konvenut, kull fejn lat wiehed ihares, hija ghal kollox inkonsistenti u inverosimili, u ghalhekk ma tista' qatt tigi accettata, ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut fir-rigward tas-self allegat u ppruvat mill-attrici, ghandhom jigu michuda, u t-talba attrici f'dan ir-rigward ghandha tigi milqughha.

Illi in konnessjoni mal-Lm100 valur ta' *mobile phone* li l-attrici ghaddiet lill-konvenut li dan naqas li jirritorna, apparti li l-istess attrici esebit ir-ricevuta relattiva a fol. 26 tal-process bhala Dok. "Jms 7", jirrizulta li dan huwa ammess mill-konvenut fil-paragrafu erbgha (4) tad-dikjarazzjoni tieghu, fejn ammetta li dan kien inkisirlu u ghadu sal-lum ghat-tiswija, liema ammissjoni twassal biss sabiex anke f'dan il-kuntest it-talba attrici tigi milqughha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut jinsab inadempjenti fis-somma ta’ elf, u tlett mitt Lira Maltija (Lm1,300) rappresentanti elf, u mitejn Lira Maltija (Lm1,200) self (mutwu) lilu moghti mill-attrici u kwantu ghall mitt Lira Maltija (Lm100) rappresentanti l-valur ta’ *mobile phone*.

(2) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lil attrici is-somma ta’ elf, u tlett mitt Lira Maltija (Lm1,300).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati ta’ qbid pprezentati konsegwenti ghal dawn il-proceduri u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici fit-18 ta’ Frar 2000 sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta’ Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta’ Jannar 2002.**